MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-20 ta' Ottubru, 2008

Numru. 252/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**Salvinu k/a Saviour Ronayne, ta’ 21 sena, iben Edward u Modesta nee` Magro, imwieled Pieta` nhar it-30 ta’ Novembru 1986, residenti ‘Golden Hawk’, Triq Likama, Marsaskala detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 551786(M)**

Il-Qorti;

Rat l-akkuza kif migjuba fil-konfront ta’ l-imputat u cioe:

1. Talli fis-26 ta’ Marzu, 2008, ghall-habta ta’ 16:45 p.m. gewwa il-hanut bl-isem ta’ ‘Silver Play’ li jinsab fi Triq il-Kbira, Zabbar ikkommetta serq ta’ flus liema serq

kien ikkwalifikat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li jeccedi 2329.38 euro u li sar ghad-detriment ta’ Carmelo Pisani;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bla ordni skond il-ligi ta’ l-awtorita kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Tracy Schembri mix-Xghajra kontra l-volonta` taghha, jew ta’ il-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata waqt liema delitt sar bil-hsieb ta’ estorsjoni ta’ flus jew hwejjeg ohra jew biex persuna ohra tkun mgieghlha taccetta li taghmel xi trasferiment ta’ hwejjigha;

3. Kif ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, fil-hin li kien qed jaghmel id-delitt kontra is-sigurta tal-gvern jew kontra persuna (barra minn omicidju volontarju jew offiza fuq il-persuna involontarja) jew delitt ta’ serq jew ta’ hsara lil propjeta (barra minn hsara involontarja lil propjeta) kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, jew imitazjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari;

4. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hedded serjament bil-mewt lil Tracy Schembri mix-Xghajra permezz ta’ strument bil-ponta;

5. U aktar talli fl-istess data hin, lok u cirkostanzi, uza vjolenza sabiex igieghel lil xi hadd jaghmel, ihalli issir, jew jonqos milli jaghmel xi haga;

6. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gab ruhu b’tali mod li ikkaguna lil haddiehor biza` li ser tintuza vjolenza;

7. Talli nhar is-26 ta’ Marzu 2008 ghall-habta ta’ 20:00hrs, fil-waqt li kien fir-residenza tal-genituri tieghu liema residenza tinsab fil-fond nurmu 25, Golden Hawk, Triq Likama, Marsaskala u fl-inhawi tal-madwar, ma obdiex l-ordinijiet Legittimi ta’ l-awtorita jew ta’ wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallhiex jew fixkel waqt li l-Pulizija kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom;

8. Talli nhar is-26 ta’ Marzu 2008 ghall-habta ta’ 20:00hrs, fil-waqt li kien fir-residenza tal-genituri tieghu liema residenza tinsab fil-fond numru 25 Golden Hawk Triq Likama Marsaskala, fil-waqt li kien qed jinzamm fil-kustodja tal-Pulizija, harab mill-istess kustodja tal-Pulizija;

9. Akkuzat ukoll talli sar recidiv b’sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta);

10. Barra minn hekk talli Saviour Ronayne kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr. Lawrence Quintano LL.D. fil-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema kundizzjonijiet saru effettivi nhar is-17 ta’ Jannar 2007.

Rat d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fl-14 ta’ Mejju, 2008;

Semghet illi l-imputat ma kellhux oggezzjoni illi dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara l-l-Qorti tatu zmien ragjonevoli biex jirrikonsidra l-istess.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-provi migjuba quddiem il-Qorti kif ukoll fid-dawl tal-ammissjoni maghmulha mill-imputat fil-mori ta’ dawn il-proceduri, il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kif migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar piena l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni x-xhieda mressqa mid-difiza ghar-rigward ta’dan u cioe tal-psiko terapista Charles Cassar u ta’ Joanne Battistino fej gie spjegat b’mod car il-problemi fil-karattur u l-imgieba ta’ l-imputat u l-kura illi jehtieg sabiex jerga’ iqum fuq saqajh. Inoltre l-Qorti sejra tiehu in kosiderazzjoni l-fatt ukoll illi l-

flus misruqa gew rilaxxjati lill-persuna derubata u dana fil-mori ta' dina l-kawza, minghajr oggezzjoni da parti ta' l-imputat.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 261(a)(b)(c), 262 (1)(a)(b), 263(b) 275, 277(b) 278, 280, 86, 87(1)(c)(e), 251, 251B, 338(ee), 151, 152, 49, 50 u 289, 17(b)(h), 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 22 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u bl-assorbiment ta' l-imputazzjoni (2), (3), (4), (5) u 6 fl-ewwel akkuza ai termini ta' l-artikolu 17(h) tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lill-imputat ghal perjodu ta' tlett (3) snin prigunerija li minnhom irid jitnaqqas kull perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati. Il-Qorti finalment qed taghmel rakkomandazzjoni qawwija lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva ta' Kordin illi l-imputat jibqa' detenut fis-Sezzjoni YOURS tal-habs u dana ghal perjodu kollu ta' prigunerija li qed tigi inflitta fuq il-hati permezz ta' din is-sentenza.

Il-Qorti finalment b'applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez kollha konnessi man-nomina ta' l-esperti f'din il-kawza fl-Inkjesta Magisterjali li b'kollox jammontaw ghal seba' mija u sitta u hamsin euro u hamsa u hamsin centezmu (€756.55).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------